MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru 97/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**Versus**

**Roderick Spiteri u**
**Martin Spiteri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra:

Roderick Spiteri ta’ 17-il sena, iben Emmanuel y Salvina nee Zammit, imwieled tal-Pieta’ fl-10 t’Ottubru 1985 u joqgħod Block 1, Flat 2, Qasam Ħal-Tmiem, iż-Żejtun detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 521885 (M);

U

Martin Spiteri ta’ 24 sena, iben Emmanuel u Salvina nee Zammit, imwieled iż-Żejtun fis-27 ta’ Lulju 1979 u joqgħod Flat 2 Block 1 Qasam Ħal-Tmiem iż-Żejtun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 389679 (M)

Akkużati talli

Fir-Relations Bar/Disco ta’ Triq Gardiel, Marsaskala fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Settembru, 2003 għall-ħabta ta’ xi nofs il-lejl:

**Lil Roderick Spiteri biss**

1. Bla ordni skond il-Liġi tal-Awtorita’ kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Simoe Collins mill-Fgura kontra l-volonta’ tagħha;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-imsemmija Simoe CAlus mill-Fgura u ta’ Jonathan Farrugia miż-Żejtun f’periklu ċar, ħebb għalihom b’arma li taqta’ u bil-ponta (mus) u kkaġunalhom ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom skond ma ċċertifikaw Dr.M Abela MD miċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid kif ukoll Dr. Thomas Armtys MD tat-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar San Luqa;

3. żamm u ġarr fuqu strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

**Lil Martin Spiteri biss**

4. Mingħar il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Darren Bartolo f’perikolu ċar, ħebb għalih u kkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu skond ma ċċertifika Dr.M.S.Caruana MD, taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid

2. Il-Qorti ntalbet ukoll li torbot lill-imputati b’obbligazzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta’ tal-imsemmija Simone Collins, Jonathan Farrugia u Darren Bartolo.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dokument AC1 (fol 15 li juri tpinġija ta' kif kien l-istrument użat), iċ-ċertifikati tat-twelid li jġibu n-numri 3896 tal-1979 u 5281 tal-1985, il-fedini penali tagħhom, il-ħatra ta' Dr.Dino Vella Briffa biex jagħmel l-eżamijiet meħtieġa fuq Simone Collins u Darren Bartolo (fol 5), iċ-ċertifikati (a fol 20, fol 21, 22) u tal-istqarrijijiet a fol 23 u 27, il-current incident report a fol 34, ċ-ċertifikat rilaxxjat mit-Tabib Speċjalista tad-Dermatoloġija Dr.Dino Vella Briffa u l-verbal li fih id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil Dr.M Abela u Dr.Thomas Armatys u Dr.MSCaruana milli joqogħdu jitilgħu sabeix jikkonfermaw iċ-ċertifikati esibiti.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fil-21 ta' Settembru 2003, għall-ħabta ta' nofs il-lejl inqala' inċident fir-Relations Bar, Marsaskala. Simone Collins infurmat lill-Pulizija li hija kienet inqabdet minn griżmejha u tkaxkret minn żagħżugħ. L-għarus tagħha, Darren Bartolo, intervjena u l-grupp ta' żgħażagħ daru għalih ukoll. Simone Collins ħasset tingiża f'dirgħajha tax-xellug u sabet ruħha mimlija demm u għalhekk l-għarus ħadha l-Health Centre ta' Raħal Ġdid.

6. Darren Bartolo informa lill-Pulizija b'dak kollu li kien ġara.

7. Jonathan Farrugia informa lill-Pulizija dwar l-istess inċident. Huwa kien ra lil Roderick Spiteri jkollu xi jgħid ma' Darren Bartolo. Dan Roderick Spiteri kellu f'idejh arma li taqta' u bil-ponta u mbagħad pinġa kif kien l-istrument. Meta pprova jintervjeni, Jonathan Farrugia ntlaqat tliet darbiet f'idu tax-xellug. Huwa mar fl-Isptar Saint Luke's fejn kien eżaminat.

**Stqarrija ta' Martin Spiteri (24 sena) (Fol 23).**

8. Huwa qal li ħuh Roderick Spiteri kellu xi jgħid ma' Darren Bartolo. Huwa allega li Darren Bartolo  kien ta daqqa ta' banketta tal-ħadid lil ħuh Roderick Spiteri. Huwa ammetta li lil Darren Bartolo kien tah bil-ponn. Huwa nnega li kellu xi arma fuqu. Huwa ma kienx jaf jekk Jonathan Farrugia kienx intlaqat mill-mus ta' ħuh

**Stqarrija ta' Roderick Spiteri (17-il sena)(Fol 27)**

9. Dan qal li ħuh kien ser ikollu xi jgħid ma' ċertu Eric u intervjena Jonathan Farrugia .  Ħuh kien laqtu b'idu u sab rurħu n-naħa tal-Bar. Huwa tfixkel f'banketta u ġie fuq tfajla li kienet bilwieqfa ħdejn il-bar. L-għarus tat-tfajla beda jagħtih bil-ponn.  L-imputat qal li l-għarus tat-tfajla qabda banketta u beda jfajjar biha fid-direzzjoni tiegħu. Kien hawn li l-imputat ħareġ il-mus għalih. (fol.28).  Huwa kien laqat bil-mus lil sieħbu Jonathan Farrugia. Huwa ftakar li kien kisser tazza fuq il-bank għal xejn b'xejn. Huwa nnega li qabad it-tfajla minn griżmejha. (Fol.29). Ix-xafra tal-mus kienet twila madwar tliet pulzieri.  Lil sieħbu kien laqtu fil-pala ta' jdejh.  Sħabu kienu qalulu li kien laqat lit-tfajla wkoll.

10. PS 1130 ikkonferma li kienu marru ċertu Simone Collins u Darren Bartolo u ppreżentawlu xi ċertifikati li ienu juru li kienu qed isofru xi ġrieħi ta' natura ħafifa. (Fol 32). Huwa kien mgħarraf ukoll minn Dr.Thomas Armetist MD 9755 li hu kien għadu kemm eżamina lil ċertu Jonathan Farrugia ID 450384 li kellu xi ġireħi kkaġunati b'sikkina jew b'xi strument bil-ponta.

11. Simone Collins xehdet u għarfet lil **Roderick Spiteri** bħala l-persuna li kienet qabditha minn idha.  Hija baqgħet sejra. Dan Roderick Spiteri kien mar fuqha u qabadha minn għonqha u kaxkarha.  Meta Darren Bartolo mar biex jaqbeż għaliha, daru għalih ukoll.  Hija qalet ukoll daqqa ta' mus. Marret il-clinic ta' Raħal Ġdid u t-tabib għamlilha l-punti. Għamlet ħmistax ma ċċaqlaqx idejha. Id-daqqa kieent għadha tidher sal-jum li xehdet u kienet kerha. (Fol.43).

12. Xehed ukoll Darren Bartolo li ddeskriva kif xi ġuvni li hu m'għarafx kien qabad lit-tfajla tiegħu. Huwa kien jaf lil ħu l-aggressur u lil ħu aggressur (Martin Spiteri)għarfu fl-Awla. Ħu l-aggessur li allura huwa **Roderick Spiteri** (fol.47) kien qabad lit-tfajla minn għonqha u ma riedx jitlaqha. Imbagħad l-għarusa tiegħu kienet kollha demm. Ix-xhud spiċċa b'daqqa f'għajnejh u ġo rasu.

13. Xehed ukoll Jonathan Farrugia li għaraf lill-imputat Martin Spiteri li beda jiċċajta u wara jiġġieled ma' ċertu Eric. Huwa ra lil **Roderick Spiteri** ħiereġ għal ġuvni bis-sikkina għalih. Jonathan Farrugia imbotta lil Roderick Spiteri u qala' tlitt daqqiet f'idejh. **Roderick Spiteri** kellu l-arma f'idejh. (fol.51) Ix-xhud kien mar il-klinika ta' Raħal Ġdid kif ukoll l-isptar fejn għamlulu xi punti.

14. Xehed (darbtejn) Dr.Dino Vella Briffa maħtur mill-Qorti sabiex jeżamina l-ġrieħi ta' Simone Collins u Darren Bartolo. Huwa xehed li Simone Collins kellha ferita twila ta' 3.5 cm fuq dirgħajha tax-xellug. Hija kompatibbli ma strument b'xafra li taqta'. Hija ta' natura permanenti u tidher ħafna. It-tiċrita tisnab 'l fuq mill-minkeb. Darren Bartolo għadu jilment minn uġigħ ta' ras iżda jidher li jekk kellu xi tbenġil (b'ammissjoni ta' Darren Bartolo stess) dawn għaddewlu kollha

**Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fid-9 ta' Mejju 2005.**

**Difiża**

15. Għad-difiża xehed biss l-imputat Martin Spiteri li allega li xi ħadd ta daqqa ta' banketta lil ħuh. Huwa mar biex iżomm lil din il-persuna biex ma jibqax jagħti lil ħuh u din il-persuna bdiet tagħti lilu wkoll. Huwa qal li ma kellu xejn f'idu. Il-Qorti hawn qratlu l-istqarrija tiegħu. L-imputat ikkonfermaha.

16. Id-Difiża għalqet il-provi tagħha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**L-ewwel imputazzjoni**

17. L-ewwel imputazzjoni kontra Roderick Spiteri taqa' taħt l-artikolu 86 tal-Kap 9. Dan l-artikolu għandu dawn l-elementi:

a) l-arrest, id-detenzjoni jew l-għeluq ta' persuna
b) u dan isir kontra r-rieda tal-persuna;

18. Il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat Roderick Spiteri qabad lil Simone Collins minn griżmejha u kaxkarha. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aġir ma jammontax għall-arrest tal-persuna għaliex arrest jew detenzjoni jkunu ta' **ċertu ħin** li fih il-liberta' tal-vittma tkun **għal kollox ristretta**. Il-persuna trid tiċċaqlaq minn fejn tkun u ma tistax. Fil-fehma tal-Qorti ma kienx għadda ħafna ħin mill-mument meta l-imputat ħataf lil Simone Collins minn għonqha. Barra dan, kien qed iżommha mhux għax kellu l-intenzjoni li jirrestrinġiha milli tmur band'oħra iżda għax ħebb għaliha u seta' fiżikament jikkontrollaha. Dak li għamel l-imputat seta' ammonta għal reat ieħor iżda mhux dak deskritt fl-ewwel imputazzjoni jew li b'xi mod huwa kompriż taħtha.. Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lil Roderick Spiteri mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

19. It-tieni imputazzjoni kontra Roderick Spiteri hija li ħebb għalihom b'arma li taqta' u bil-ponta u kkaġunalhom ħsara fil-ġisem tagħhom.

20. Mix-xhieda prodotta jirriżulta li l-imputat kellu arma bil-ponta. Dan joħroġ bla dubju mill-istqarrija tal-imputat stess fejn qal :

'Imbagħad lili ħaraqni u jien ħriġt il-mus għalih.'

21. Huwa qal ukoll li ma kienx laqat lil Jonathan Farrugia għax ried.

22. L-imputat qal ukoll li huwa ħareġ il-mus meta ‘l-għarus ta’ din it-tfajla qabad itih bil-banketta’.

23. Mela m’hemmx dubju li dan l-imputat kellu mus – li huwa parti minn keychain - u użah. (Ara wkoll l-iskizz magħmul minn Jonathan Farrugia a fol.15). Il-mus għandu xafra ta’ tliet pulzieri. (fol.29 – stqarrija tal-imputat).

24. Mistoqsi mill-Ispettur :

‘Ngħidlek sewwa li barra milli lqatt lil sieħbek ilqatt ukoll bil-mus tiegħek dirgħajr l-għarusa ta’ dak il- ġuvni ?

25. L-imputat wieġeb:

‘Jien ma kontx naf. Sħabi qaluli li kont ilqatt l-għarusa ta’ dak għaleix iltaqgħu maħghom l-Isptar jew x’omkien ieħor.’ (fol.29)

26. Jirriżulta mix-xhieda ta’ Simone Collins li l-għarus ta’ Simone Callins kien mar iwaqqaf lil dan l-imputat wara li l-imputat kaxkar lil Simone Collins. Simone Collins ħasset weġgħa kbira li skond it-Tabiba tal-Paola Health Centre kienet:

(a) An incised wound (superficial) Left arm – 5 cm long.
(b) Incised superficial wound Right index finger 1 cm long posterior aspect.

27. Dan it-tabib iddeskriva l-ġrieħi bħala ħfief.

28. Skond Dr.Dino Vella Briffa, l-espert maħtur mill-Qorti, l-offiża kienet kompatibbli ma’ daqqa ta’ mus u jaħseb li ser tibqa’ permanenti. L-offiża qegħda ‘l fuq mill-minkeb tax-xellug. (fol.66).

29. Jonathan Farrugia sofra LCW x 3 to left hand (fol.21) It-tabib tal-Isptar San Luqa ddeskriva din bħala slight. Huwa spiċċa b’għaxar punti. (fol.53)

30. Il-Qorti trid tistabilixxi ‘l hemm minn kull dubju li d-daqqiet ta’ mus tahom Roderick Spiteri.

31. Dwar dan il-fatt m’hemmx dubju fil-konfront ta’ Jonathan Farrugia.

32. Dwar jekk id-daqqiet bil-mus lil Simone Collins tahomx l-imputat Roderick Spiteri, hawn dawn il-provi

‘Min kien li qabdek minn idek?’

Xhud: (Simone Collins) Dak li tani d-daqqa.’

U għarfitu (lil Roderick Spiteri) fl-Awla (ara fol.40).

U aktar ‘l isfel qalet:

‘U f’daqqa waħda ma nafx kif ġie fuqi **dan l-istess wieħed** u qabadni minn għonqi.’

33. U minn dak li xehed Darren Bartolo a fol 47 dak li qabad minn għonqha lill-għarusa kien propju Roderick Spiteri.

34. Quddiem din ix-xhieda, il-fatt li lill-imputat rawh bil-mus, li l-imputat stess ammetta li fera saħansitra lil sieħbu stess fl-istqarija, l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija li hu kellu mus, il-Qorti m’għandha ebda dubju li l-offiża bil-mus saret mill-imputat Roderick Spiteri **biss** u minn ħadd aktar.

35. Issa dwar il-ferita, din tista’ tkun gravi jew ħafifa u dan irid ikun stabillit skond il-Liġi. Skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9l-offiża hija gravi:

(b) if it causes **any serious and permanent disfigurement** of the face, neck, or either of the hands of the person injured.’

Waqt li l-artikolu 216(1)(b)

‘if it causes any deformity or disfigurement in the face, neck, or either of the hands of the person injured.’

36. Il-ferita saret f'id Simone Collins. L-espert maħtur mill-Qorti, xehed li l-ferita hija ta' natura permanenti. Din il-vittma ddeskriviet l-offiża bħala kerha u tidher li m'hija xejn komda li tikxef idha x-xellugija.

37. Madankollu ma jidhirx li hemm provi biżżejjed biex din l-offiża titqies li fiha s-**serjeta'** li jitlob l-artikolu 218(1)(b). Barra dan, l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji u għalhekk il-piena ma tistax taqbeż l-erba' snin priġunerija kif jipprospetta l-artikolu 218(1)(b).(Ara Artikolu 370 tal-Kap 9). Għalhekk il-Qorti qed tqis l-offiża (li saret fuq Simone Collins) bħala waħda gravi iżda li taqa' tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, reat li jaqa' fit-termini tal-imputazzjoni li użat it-termini wiesgħa tal-artikolu 214 tal-Kap 9. Il-Qorti ma qed issib ebda skużanti għal dan ir-reat li seta' ġab konsegwenzi aktar koroh. L-imputat qatt ma kien ġustifikat jew skużat li juża l-mus.

38. Dwar l-offiża li saret fuq Jonathan Farrugia m'hemmx prova ċara li din kienet waħda gravi u għalhekk il-Qorti qed qisha bħala waħda ħafifa ai termini tal-artikolu 221(1)(2) tal-Kap 9.

**It-Tielet Imputazzjoni**

39.Dwar it-tielet imputazzjoni kontra Roderick Spiteri, din tirriżulta ampjament kemm mix-xhieda okulari kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat. Għal dan ir-reat kien japplika l-artikolu 13(1) tal-Kap 66 li kien għadu fis-seħħ meta sar ir-reat. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat Roderick Spiteri ħati tat-tielet imputazzjoni.

**Imputazzjoni fil-Konfront ta' Martin Spiteri**

40. Mix-xhieda ta' Darren Bartolo jirriżulta li kien Martin Spiteri li aggredih. L-offiżi kienu deskritti ħfief mit-Tabib Dr.Caruana (Ara fol 22) u m'hemmx provi ċari li dawn kienu mod ieħor. Il-Qorti ma ssibx ix-xhieda ta' Martin

Spiteri bħala waħda attendibbli. Għalhekk qed issib lil-imputat ħati tal-imputazzjoni ai termini tal-artikolu 221(1)(4) tal-Kap 9 bil-kwerela tidher a fol.35.

**Konklużjoni**

41. Il-Qorti, wara li rat:

**Fil-konfront ta' Roderick Spiteri:**

l-artikoli 18, 37, 86, 214, 216(1)(b) tal-Kap 9 kif ukoll tal-artikolu 13(1) tal-Kap 66 li kien fis-seħħ dak iż-żmien qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u qed issibu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u, wara li qieset l-eta' (kien għadu taħt it-18-il sena) u l-fedina penali nadifa tiegħu qed tikkundannah għal ħames xhur priġunerija li għandhom ikun sospiżi għal sentejn kif ukoll għall-ħlas ta' amenda (stante l-eta') ta' € 58.

Ai termini tal-artikolu 533 qed tikkundanna lill-imputat Roderick Spiteri jħallas l-ispejjeż tal-espert li jammontaw għal €94.36.

42**. Fil-konfront ta' Martin Spiteri**

Wara li rat l-artikoli 214 u 221(1)(4) tal-Kap 9 qed issibu ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tikkundannah iħallas multa ta' €180 liema multa għandha titħallas fi żmien xahar mil-lum u fin-nuqqas tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------